**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 14 TAL-10 LEĠISLATURA**

**TAL- KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR**

Il-Laqgħa ssejħet għal nhar it-Ħamis, 24 ta' April 2025 fil-17.30, bl-aġenda segwenti:

| | |
|---|---|
| 14.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji; |
| 14.2 | Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqġħa numru 14 |
| 14.3 | Punti mill-minuti. |
| 14.4 | Komunikazzjoni mis-Sindku |
| 14.5 | PA 03858/23 |
| 14.6 | Korrispondenza mill-Awtorita tal-Ippjanar dwar il-permess għal żvilupp fil-parking area ta' wara SPAR |
| 14.7 | Quarter 1 for 2025 Accounts (*Preżentazzjoni mill-Accountant*) |
| 14.8 | Financial Statements for the year 2024 (*Preżentazzjoni mill-Accountant*) |
| 14.9 | RFQs |
| 14.10 | Klejms |
| 14.11 | Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera |
| 14.12 | Approvazzjoni ta'kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi |
| 14.13 | Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti |
| 14.14 | Aġġornament għal-laqgħa li jmiss |

Sindku/Mayor: Ċensu Galea; Viċi Sindku/Deputy Mayor: Christopher Vella Petroni
Kunsilliera/Councillors: Alexander Agius; Anne Marie Fenech; Sandra Gauci; Daryl Connor; Rachel Antoinette Williams; Alan Bugeja; Clevion Micallef; Joseph Matthew Attard; Alexandra Smart Costantino; Mary Borg; Raymond Tabone.
Aġent Segretarju Eżekuttiv/Acting Executive Secretary: Martin Bugelli

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs.

**Membri Preżenti**:

- Ċensu Galea Sindku
- Christopher Vella Petroni Viċi Sindku
- Alexander Aguis Kunsillier
- Anne Fenech Kunsillier
- Daryl Connor Kunsillier
- Rachel Williams Kunsillier
- Alan Bugeja Kunsillier (Ħalla l-laqgħa fit-8.00 p.m.)
- Joseph Matthew Attard Kunsillier
- Alexandra Smart Costantino Kunsillier
- Mary Borg Kunsillier
- Raymond Tabone Kunsillier (Inħatar Kunsillier u attenda minn 6.00 p.m.)

**Skuzati** :

- Clevion Micallef - Kunsillier
- Sandra Gauci - Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs.

**14.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Il- Kunsill rċieva avviż ta' apoloġija mingħand il-kunsilliera Sandra Gauci u Clevion Micallef

**14.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 13**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin. Saret l-emenda dwar **item 13.5** hekk kif tressqet minn Joseph Matthew Attard.

Ipproponiet il-kunsilliera Rachel Williams u ġew sekondati mill-kunsilliera Sandra Smart Costantino.

Il-kunsill Approva.

**14.3 Punti mill-minuti**

Is-sindku qal li dwar din l-emenda jispera li dalwaqt jkun f'pożizzjoni li jippreżenta l-ismijiet proposti għall-Bord tad-Dixxiplina u is-CVs u l-kondotti lill-Kunsill.
Dwar il-pjazza ta' Buġibba, qal li mill-aħħar laqgħa, meta kien hemm id-deċiżjon li kull nhar ta' Erbgħa huwa, Alan Bugeja u l-persuna responsabbli mix-xogħolijiet jiltaqgħu fuq il-post, u

ltaqgħu darbtejn. L-aħħar żewġ laqgħat ir-rapport kien li ma hemm xejn ġdid x'jirrapurtaw. Dan ġie kkonfermat mill-kunsillier Alan Bugeja. It-tama li sal-laqgħa li jmiss ikun hemm xi progress. Is-Sindku nnota li jinsab inkwetat bin-nuqqas ta' progress fix-xogħolijiet. Biżżejjed wieħed jinnota illi filwaqt li diġà għadda 25% taż-mien ippjanat, għadu sar biss 7% - 10% tax-xogħol. Il-Kunsilliera Rachel Williams issuġġeriet li ssir talba formali dwar informazzjoni dwar il-progtress tax-xogħol, u mhux verbalment biss. Il-Kunsilliera Mary Borg talbet li t-tabelli tal-one way jiġu aġġornati malli jitlestew xi partijiet mill-proġett, imma is-Sindku infurmaha li dawn ikunu jistgħu isiru biss meta il-proġett ikun komplut, għax it-tabella huma ppjanati f'sistema waħda

Rigward il-ħlas tal-wardens għall-attivita tal-banda, għad ma hemmx risposta formali iżda ir-Reġjun informana illi jekk ikun fadal xi flus minn ta' Kunsilli oħrajn, li mid-dehra se jkun hemm, peress li ta' San Pawl diġà nqabsu, ir-Reġjun ikun lest li jalloka fondi għal dawn l-għaxar marċi. Is-Sindku irrefera wkoll għad-domanda dwar l-ispejjeż tat-trasport tal-anzjani lejn u minn id-day centre kuljum. Il-Kunsill qed iħallas bejn wieħed u ieħor 3500 ewro fix-xahar, jiġifieri madwar 42,000 ewro fis-sena, li minnhom qed jitħallsu lura mid-Dipartiment responsabbli 16,000 ewro biss. Dan il-ftehim ser jagħlaq ftit ġimgħat oħra. Dan is-servizz ma hux ser jinqata imma ser issir insistenza, meta issir il-laqgħa dwar it-tiġdid ta' dan il-ftehim, illi d-Dipartiment jerfa iktar minn dan il-piż għax ma hux sewwa li l-Kunsill ikompli jalloka daqstant flus mir-riżorsi tiegħu għal dan il-għan.

## 14.4 Kunsiderazzjoni, Diskussjoni u votazzjoni dwar l-għażla tas-Sur Raymond Tabone bħala Kunsillier sabiex jimtela' il-post vakanti

Meta tressqet din il-proposta, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li Raymond Tabone jimla l-post vakanti ta' Kunsillier. Dak il-ħin stess ingħata l-ġurament tal-ħatra minn Nutar Dr Amanda Vella, u s-Sur Tabone ħa postu fil-laqgħa.

## 14.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-kera tal-post. Huwa rrefera għall-laqgħa li saret mas-sid, minnu u mis-segretarju, fil-presenza tal-avukati rispettivi. Is-sid qed jitlob li l-kera, meta jiġi mġedded il-kuntratt, titla għal 46,000 ewro fis-sena inkluż il-VAT. Kien hemm qbil li din iċ-ċifra għanda tiġi negozjata bejn l-avukati u ma tiġix aċċettata awtomatikament.Kien hemm qbil ukoll, likuntratt ġdid għandu jkun fuq bażi ta' sentejn, b'tiġdid wara sentejn, u tlett xhur pre-avviż f'każ li l-Kunsill ikun se jimxi lejn il-binja l-ġdida ġaladarba din titlesta;
- Il-kunsill ġie nfurmat dwar il-parteċipazzjoni fl-attivita *Light up the Night* biex jitfakkru in-nies li jbatu minn Fibromyalgia u Myalgic encephalomyelitis (ME) permezz ta' mixgħela tal-faċċata tal-bini tal-Kunsill;
- Rigward it-transport tal-anzjani, punt li kien diġà ssemma f'14.3, il-Kunsill qabel li jkun hemm talba mal-Ministeru sabiex jiżdied il-kontribut tal-Ministeru;
- Dwar is-servizz tal-kompjuters kien hemm qbil li ma jerġax jiġġedded;
- Dwar il-korsijiet li kien isir mit-TCTC, kien hemm qbil illi is-servizz għandu joħroq b'sejħa;
- Tressqet ukoll korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-proposti

mill-ARMS u minn Identita Malta, biex mill-Kunsill ikun hemm servizz li jitħallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma, u jinġabru l-ID Cards, rispettivament. F'dan l-istadju, hija sempliċiment talba dwar jekk il-Kunsilli humiex interessati. Il-Kunsill qabel li nirrispondu li iva hemm dan l-interess;

- Fid-dawl tal-irtirar tas-Sur Marico Sammut li seħħ nhar it-8 ta' Settembru, 2024, fejn ġie appuntat is-Sur Martin Bugelli bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, il-Kunsill qabel ukoll li l-vetturi kollha tal-kunsill, jiġifieri SPB002, SPB003 u l-LGV627 għandhom ikollhom il-*logboo*k aġġornat li jirrifletti il-bidla tas-Segretarju Eżekuttiv u jiġu jidhru f'isem is-Sur Martin Bugelli bin-numru tal-ID. 0066461M, mill-iktar fis possibbli.

**14.6 P/A 02583/21**

Fit-8 ta' Mejju, 2025 għandu jkun hemm l-*pre-decision meeting*. Il-Kunsill huwa kontra dan l-iżvilupp.

**P/A 03858/23**

Is-Sindku qal li jekk ir-rappreżentazzjoni tkun wara l-laqgħa li jmiss, din għandha tiġi diskussa.

**P/A 05908/23**

Ser ssir laqgħa ta' konsultazzjoni nhar it-Tnejn 28 ta' April, 2025 l-ex Suncrest Hotel li għalija ser jattendi is-Sindku;

**P/A 06154/24**

Qabel ma ġie diskuss dan il-każ, is-Sindku informa lill-laqgħa illi, peress li l-ewwel t-talba għall-permess kienet tressqet minnu bħala Perit, allavolja din-it-talba kienet ġiet irtirata sussegwentement u tressqet talba oħra minn Perit ieħor, huwa ħass li kellu jirrikuża ruħhu mid-diskussjoni, u ħareġ mil-laqgħa. Il-laqgħa kompliet bit-tmexxija tal-viċi-Sindku Chris Vella Petroni, li talab lis-Segretarju Eżekuttiv jippreżenta l-każ. Il-Kunsill qabel li tinżamm il-pożizzjoni li ttieħdet fil-Kunsill preċedenti.

**14.7 RFQs**

- *Rfq for the provision of Hiring a van with tail lift – Davico* – Il-Kunsill approva;
- *Rfq for the provision of watering services by bowser and extra bowser service.* – Il-Kunsill approva;
- *Rfq for the provision Electrical Supplies including delivery* – Il-Kunsill approva**.**

Is-Sindku imbagħad ippreżenta aġġornament dwar żewġ tenders oħra għall-informazzjoni tal-Kunsill li ma kienu inklużi ma dawn l-RFQs. L-ewwel wieħed huwa dwar xogħolijiet fit-toroq, u l-ieħor dwar contracts manager. L-ewwel wieħed għandu jagħlaq fil-5 ta' Mejju 2025, u t-tieni wieħed għalaq u kien hemm 4 sottomissjonijiet, i issa għandhom jiġu evalwati mill-kumitat tal-kuntratti.

## 14.8 Klejms dwar vetturi u affarijiet oħra.

Il-Kunsillier Alexander Agius, f'isem il-Bord responsabbli ppreżenta ir-rakkomandazzjonijiet li saru wara l-evalwazzjoni tal-claims li kellhom quddiemhom.

- Il-Bord għalaq 4 każi b'rakkomandazzjoni li jitħallsu. Dawn huma tal-ammonti ta' 98 Ewro, 75 Ewro, 221 Ewro u 120 Ewro. Il-Kunsill qabel li dawn jitħallsu skont ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;
- Il-Bord irrikmanada li ż-żewġ każijiet ta' ħsara mal-bankina fil-parkeġġ ta' wara l-iSPAR supermarket ma jintlaqgħux. Il-Kunsill qabel li dawn ma jitħallsux skont ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;
- Dwar il-każ ta' Triq il-Ħalel, fejn it-talba hija li tyre wieħed ġie jiswa 611 Ewro, il-Kunsill qabel li jintalbu l-ispecifications tat-tyre maqsum, ħalli dan il-prezz ikun jista jiġi ikkonfermat jew le;
- Dwar il-każ fejn il-mekkanik rema r-ritratti, il-Kunsill qabel li ma jsirx ħlas, bi qbil mar-rakkomandazzjoni tal-Bord;
- Kien hemm żewġ talbiet għal rifużjoni ta' spejjeż mediċi. Wieħed b'irċevuta tat-tabib (a), u ieħor mingħajr (b). Il-Kunsill diġà talab ir-riċevuti lil (b) u għada ma ġabithomx. Il-Kunsill għandu jerġa jiktbilha u jitlobha r-riċevuti. Dwar (a) din qed tagħmel talba ukoll ta' biljetti tal-ajru li kellha tħallas. Dwar dan il-Bord qed jistenna lura mingħand it-tabib rigward it-talbiet. Dawn iż-żewġ każijiet tressqu bħala *state-of-play*, u għandhom jiġu diskussi mill-ġdid meta jkun hemm l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-proposta ta' Alex Agius li jiġu ntrodotti deadlines u skadenzi biex wieħed jippreżenta claim u d-dokumentazzjoni kollha. Is-Segretarju għandu jara il-proċeduri eżistenti u f'xi laqgħa fil-futur jippreżenta rakkomandazzjonijiet kif dan jista jsir. Il-Kunsilliera Anne Fenech pproponiet li f'każi li ma jkunux daqshekk ċari u l-Bord ikollu xi dubji, dawn jittellgħu Kunsill ħalli l-Kunsill ikun jista jgħin lill-Bord jasal għal deċiżjoni.

## 14.9 Riżoluzzjoni dwar xogħol meħtieġ f'numru ta' toroq fil-lokalita' *u*

## 14.10 Riżoluzzjoni dwar xogħol li mistenni jsir mill-WSC.

Qabel bdiet id-diskussjoni, Daryl Connor ġibed l-attenzjoni tal-laqgħa, għall-fini ta' korrettezza, illi dawn iż-żewġ punti qed jippreżentaw riżoluzzjoni u b'hekk kellhom jiġu rreġistrati, u kif ukoll kellhom jintbagħtu mill-inqas sitt ijiem bil-quddiem. Kien hemm diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill kollu dwar dawn iż-żewġ riżoluzzjonijiet imressqa mis-Sindku, però ma deherx li kien hemm qbil dwar l-aproċċ, speċalment dwar it-ton tal-korrispondenzi proposti. Kien hemm side-discussion dwar il-possibilita' li jintużaw il-fondi tal-iskema tal Planning Authority għal ċertu xogħolijiet fit-toroq, u s-Sindku spjega li dawn il-fondi, sa issa, ma jistgħux jintużaw f'toroq, però jidher li hemm diskussjonijiet dwar dan fuq livell nazzjonali.

Dwar ir-riżoluzzjonijiet, wara ħafna diskussjonijiet, ma intlaħaqx qbil unanimu li jintbagħtu lill-Ministrikonċernati kif miktuba. Tressqu għal vot u ir-riżultat kien 7 favur (il-membri eletti f'isem il-PN) u 4 kontra (il-membri eletti f'isem il-PL). Il-membri eletti f'isem il-PL talbu lil-vot tagħhom kontra ir-riżoluzzjonijiet ikun spjegat bħala li huma vvutaw kontra t-ton tal-lingwaġġ li kien qed jintuża f'dawn ir-riżoluzzjonijiet, u għax jemmnu li hemm modi oħra kif jista' jintlaħaq ftehim mal-Gvern ċentrali dwar dawn l-affarijiet.

B'hekk il-Kunsill, b'vot ta' 7 favur u 4 kontra, approva li dawn iż-żewġ riżoluzzjonijiet jintbagħtu lill-Ministri kkonċernati f'forma ta'ittra.

**14.11 Ħarġa għall-anzjani**

Il-Kunsill approva li ssir il-ħarġa għall-anzjani fit-29 ta' April, 2025. Il-Kunsill approva li mill-ispiża totali ta' 20.15 ewro ir-ras, il-Kunsill joħroġ l-ammont ta' 5.15 ewro ir-ras għal kull anzjan/a, plus it-transport, u lil-anzjani iridu jippreżentaw l-ID Card li turi li huma residenti fil-lokalita'.

**14.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm

**14.13 Approvazzjoni ta'kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizz**

Is-Segretarju spjega iċ-ċirkostanzi ta' ħlas ta' 2,320 Ewro lis-Soċjeta Mużikali San Pawl, li ma kienux ħlas, iżda rifużjoni ta' depożitu li kien tħallas b'ċekkijiet li ssarrfu, u ġew depożitati fil-kont tal-bank tal-Kunsill minflok Bank Guarantee. Peress li din il-garanzija riedet tiġi mneħħija, dan kien ifisser li riedu jingħataw lura dawn il-flus. Il-Kunsill qabel.

Is-Segretarju informa lill-Kunsillukoll li n-Nutara li tagħat il-ġurament lil Raymond Tabone f'dikil-laqgħa stess kienet diġà bagħtet il-kont ta' 100 ewro + VAT, u talab l-approvazzjoni tal-Kunsillbiex iħallsu. Il-Kunsill approva. Ġie approvat il-kont tan-nutara li kienet preżenti għall-ġurament tal-ħatra.

**14.14 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

L-iskeda tal-pagament ġiet approvata hekk kif tressqet.

Pproponiet il-kunsilliera Rachel Williams, ġiet sekondatamill-Kunsilliera Ann Marie Fenech.

**14.15** Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.30 u aġġornat għal nhar it-Tlieta 13 ta' Mejju, fil 17.30

| | |
|---|---|
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |
| **Martin Bugelli** | **Ċensu Galea** |